

32004R2045

30.11.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 354/17

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2045/2004

tad-29 ta' Novembru 2004

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2131/93 li jistabbilixxi l-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-bejgħ taċ-ċereali li jkunu f'idejn l-aġenziji intermedjarji**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2131/93 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi l-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-bejgħ taċ-ċereali li jkunu f'idejn l-aġenziji intermedjarji [ta' intervent].
- (2) Mezzi ġodda u moderni tal-komunikazzjoni għandhom jintużaw biex jinfurmaw lill-partijiet interessati kollha madwar il-Komunità kollha kemm hi dwar bejgħ mill-intervent. Dan jippermetti li l-aġenziji ta' intervent ibigħu permezz ta' sejħiet għall-offerti kwantitajiet akbar, mingħajr deċizzjoni preċedenti tal-Kummissjoni, fil-qies tal-qagħda tas-suq fl-Istati Membri tagħhom. Biex ir-regoli dwar l-esportazzjoni jiġu ssimplifikati, ma għandux ikun hemm l-obbligu li l-lok tal-ħżin jissemma fid-deċizzjoni li toħroġ stedinet għall-offerti.
- (3) Fl-Istati Membri li ma għandhomx portijiet marittimi, l-offerenti huma ppenalizzati mill-ispejjeż ogħla tat-trasport għaċ-ċereali li jkunu qed jitressqu għall-bejgħ. Għaldaqstant l-esportazzjoni taċ-ċereali minn dawn l-Istati Membri hija aktar diffiċli, u dan iġib miegħu, b'mod partikolari, aktar tul ta' żmien fil-ħażna ta' intervent u spejjeż supplimentari għall-baġit tal-Komunità. Għaldaqstant għandha tkun ipprovdata l-possibbiltà, f'ċerti każijiet, li jkunu ffinanzjati l-ispejjeż tat-trasport l-aktar vantaġġużi bejn il-post tal-ħżin u l-post tal-ħruġ, biex l-offerti jkunu komparabbli. Il-port Rumen ta' Constanta kien port ta' ħruġ tradizzjonali għall-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali qabel l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni. Għaldaqstant jeħtieġ li Constanta tiddaħħal fost il-postijiet ta' ħruġ li jistgħu jkunu kkunsidrati għall-kalkolu tal-ispejjeż tat-trasport eliġibbli għar-rifużjoni fil-każ ta' esportazzjoni.

- (4) Bil-għan li l-proċedura għall-bejgħ taċ-ċereali tkun issimplifikata, il-garanziji li jakkumpanjaw l-offerti għall-bejgħ għall-esportazzjoni kif ukoll għas-suq Komunitarju għandhom jingħaqdu.
- (5) Jeħtieġ għalhekk li r-Regolament (KEE) Nru 2131/93 jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri pprovdati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni għaċ-ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KEE) Nru 2131/93 għandu jkun emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2(2), "2 000 tonnellata" għandha tinbidel b'"5 000 tonnellata".
2. Fl-Artikolu 3(1), l-ewwel sentenza għandha tinbidel bis-sentenza li ġejja:  
"L-aġenziji ta' intervent għandhom ifasslu avviżi ta' sejħiet għall-offerti skont l-Artikolu 12 u jiżguraw li daww l-avviżi jingħataw pubbliċità adegwata, b'mod partikolari billi jqegħduhom għall-wiri fl-uffiċċji prinċipali tagħhom kif ukoll fis-sit tal-internet tagħhom jew f'dak tal-Ministru kompetenti."
3. L-Artikolu 7 għandu jkun emendat kif ġej:  
(a) Fil-paragrafu 1 għandu jitħassar il-punt (b);  
(b) Fil-paragrafu 2a, għandha tiżdied is-sentenza li ġejja:  
"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-port Rumen ta' Constanta jista' jitqies bħala post tal-ħruġ".
4. Fl-Artikolu 13(4), it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:  
"L-offerti għandhom ikunu validi biss jekk ikunu akkumpanjati minn prova li l-offerent ikun iddepożita garanzija ta' EUR 5 għal kull tonnellata".

<sup>(1)</sup> ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78.<sup>(2)</sup> ĠU L 191, 31.7.1993, p. 76. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 777/2004 (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 50).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Novembru 2004.

*Għall-Kummissjoni*  
Mariann FISCHER BOEL  
*Membru tal-Kummissjoni*

---